# Il-Mara tal-Velu

Anaïs Nin

Lejla minnhom George mar f'bar Żvediż li kien iħobb, u poġġa ma' mejda ħalli jgħaddi lejla bil-kwiet. Mal-mejda ta' ħdejh innota koppja eleganti u sabiħa: ir-raġel deher kunfidenti u liebes pulit, u l-mara liebsa l-iswed, b'velu fuq wiċċha liemagħ u b'ġojjelli bi lwien imżewqa u leqqiena. Tbissmulu t-tnejn li huma. Ma kienu qed jgħidu xejn, donnhom żewġt iħbieb antiki li ma kellhomx bżonn jitħaddtu.

Dawn it-tlieta kienu qed josservaw x'kien għaddej fil-bar – koppji jixorbu flimkien, mara tixrob weħidha, raġel ifittex l-avventura – u kollha dehru kellhom l-istess ħsibijiet.

Fl-aħħar ir-raġel liebes pulit qabad jitkellem ma' George, li issa seta' josserva 'l-mara aħjar u raha saħansitra isbaħ. Iżda hekk kif stenna li se tidħol fid-diskursata, hija qalet xi żewġ kelmiet 'il seħibha li George ma qabadx, tbissmet waħda u telqet ħelu ħelu. George ħassu frustrat. Il-gost tal-lejla kien tgħarraqlu kollu. Terġa', x'jonfoq kellu xi ftit dollari biss, u ma setax jistieden lir-raġel jixrob miegħu biex forsi jitkixxef xi ftit iżjed dwar din il-mara. Iżda oħroġ il-għaġeb, ir-raġel dar lejh u staqsieh: "Trid nixorbu xi ħaġa?"

George aċċetta. It-taħdita tagħhom bdiet mill-esperjenzi fil-lukandi tan-naħa t'isfel ta' Franza u ntemmet bl-istqarrija ta' George li kellu bżonn il-flus daqs il-ħobż. It-tweġiba tal-ieħor tatu x'jifhem li seta' jaqlagħhom bla taħbit ta' xejn. Iżda kif u x'fatta ma qallux. Ħallieh jistqarr xi ftit iżjed.

George kellu dgħufija komuni ma' bosta rġiel oħra; meta kien ikun f'burdata lablieba, erħilu jirrakkonta l-bravuri tiegħu. Kien jagħmel dan bi kliem intriganti. Tah x'jifhem illi appena jmidd saqajh fit-triq kien isib ma' wiċċu xi avventura, u li xi lejla jew mara interessanti ma kienu jonqsu qatt.

L-ieħor qagħad jisimgħu, imbissem.

Kif George waqaf jitkellem, l-ieħor qal, "Proprju dak li stennejt minnek malli rajtek. Inti r-raġel li qed infittex. Jien qiegħed f'basla delikata ħafna. Xi ħaġa vera unika. Ma nafx jekk qattx kellek ħafna x'taqsam ma' nisa diffiċli, nevrotiċi. Le, hux? Ħeqq, jien iva imma. Niġbidhom forsi. Bħalissa qiegħed f'sitwazzjoni kkumplikata, u ma nafx kif se noħroġ minnha. Għandi bżonn l-għajnuna tiegħek. Għedt li għandek bżonn il-flus. Ara, għandi idea kif tista' ddawwar kemxa. Ismagħni sew. Hemm mara tat-tajjeb u sabiħa immens – 'qas difett wieħed m'għandha difatti. Irġiel jadurawha tista' ssib kemm jogħġobha; tista' tiżżewweġ 'il min trid din. Imma nzertat għandha xi ħaġa perversa fin-natura tagħha – tagħmel biss għal dak illi mhux magħruf."

"Mhux kulħadd iħobb dak li mhux magħruf?" qal George, u ħsiebu dlonk mar fi vjaġġi, f'laqgħat mhux mistennija, f'sitwazzjonijiet mhux tas-soltu.

"Le, le, mhux kif jogħġob lilha imma. Jinteressaha biss raġel li qatt ma tkun ratu qabel u li qatt ma tkun se terġa' tara. U għal raġel bħal dan tasal tagħmel minn kollox."

George kien imlebleb biex jistaqsi jekk dil-mara kinitx dik li qabel kienet mal-mejda tagħhom. Iżda m'azzardax. Ir-raġel deher pjuttost skomdu jirrakkonta dil-istorja, iżda kien bħalkieku ma kellux għażla. Kompla jgħid, "Qed nieħu ħsieb il-kuntentizza ta' dil-mara. Għaliha nagħmel kollox. Ħajti ddedikajtha biex nissodisfa l-kapriċċi tagħha."

"Nifhmek," qal George. "Naf, anke jien inħossni hekk ma' waħda bħal dik."

"Issa," qal l-istranġier eleganti, "jekk trid tiġi miegħi, għandek imnejn issolvi l-problemi tal-flus għal ġimgħa, u forsi tissodisfa, b'ċikka, il-kilba l'għandek għall-avventura."

George ħmar bil-pjaċir. Ħarġu mill-bar flimkien. Ir-raġel sejjaħ taxi, u kif daħlu fiha lil George newwillu ħamsin dollaru. Imbagħad qallu li kellu l-obbligu jgħammadlu għajnejh, għaliex la kellu jara d-dar fejn kien sejjer u lanqas it-triq, għax dil-esperjenza ma kellu jerġa' jgħaddi minnha qatt u qatt."

George nħakem minn kurżità liema bħalha, ossessjonat b'viżjonijiet ta' dik il-mara li kien ra fil-bar, dak fommha liemagħ u għajnejha jħeġġu wara l-velu bdew ifeġġu quddiem għajnejh f'kull mument. Xagħarha kien laqtu b'mod partikulari. Kien jogħġbu x-xagħar folt li jtaqqal il-wiċċ, piż grazzjuż, imfewwaħ, rikk. Kien waħda mill-passjonijiet tiegħu.

Il-vjaġġ ma kienx twil wisq. George baxxa rasu bil-ħlewwa għall-misteru kollu. Il-faxxa tneħħietlu minn quddiem għajnejh qabel ħareġ mit-taxi ħalli ma jagħtix f'għajn ix-xufier jew il-purtier, iżda l-istranġier kien ħasibha sew minn qabel li jħalli l-leħħa tad-dwal tal-intrata tgħammex 'il George għalkollox. Fil-fatt ma seta' jara xejn għajr dwal jiddu u mirja.

Ittieħed f'wieħed mill-iżjed interni lussużi li qatt kien ra – kollu abjad u mimli mirja, bi pjanti eżotiċi, b'għamara raffinata miksija bid-damask u b'tapit tant artab li l-passi tagħhom ma nstemgħux. Iddaħħal minn kamra għal oħra, kull waħda b'titfija differenti fil-kulur, u kollha mirja, tant li George spiċċa tilef kull sens ta' perspettiva. Fl-aħħar waslu fil-kamra aħħarija. George leheġ waħda żgħira.

Sab ruħu f'kamra tas-sodda, b'sodda mgħammra b'baldakkin u mqiegħda fuq bradella. Kien hemm pelliċċi mal-art u purtieri bojod donnhom jarmu l-fwar imdendlin mat-twieqi, u mirja u iżjed mirja. Kien kuntent li seta' jġerragħ dat-titnijat bla tmiem tiegħu nnifsu, kopji infiniti ta' raġel sabiħ, li l-misteru tas-sitwazzjoni ħaġġiġlu ħerqa ta' stennija u viġilanza li bħalha ma kien ħass qatt. X'seta' jfisser dan kollu? Lanqas biss kellu ħin jistaqsi lilu nnifsu.

Daħlet fil-kamra dik il-mara li kienet fil-bar, u malli daħlet, ir-raġel li kien ġabu f'dal-post għosfor.

Il-libsa kienet bidlitha. Issa kellha libsa twila tas-satin mill-isbaħ li kienet tħallilha spallejha mikxufa, u kienet miżmuma bi frill. George kien qiegħed iħoss li dil-libsa kienet se taqgħalha mal-iċken taħrika, tiżżerżaq minn fuqha għal mal-art bħal xi għant liemagħ ta' xabla, biex minn taħtha tfeġġ ġilditha tlellex, li kienet tleqq bħas-satin u lixxa sa tarf is-swaba'.

Kellu jitrażżan. Kien għadu ma jistax jemmen li din il-mara sabiħa kienet qed toffri lilha nnifisha lilu, lil stranġier ma tafux minn Adam.

Ħassu wkoll jistħi. X'riedet minnu? X'kienet qed tfittex? Tgħid kellha xi xewqa mhux maqtugħa?

Kellu biss lejl wieħed biex joffrilha d-doni amorużi kollha tiegħu. Ma kien se jerġa' jaraha qatt. Seta' jseħħlu li jaqta' s-sigriet tan-natura tagħha u jasal jippossediha iżjed minn darba? Staqsa f'qalbu kemm-il raġel kien daħal f'din il-kamra.

Ġmiel dil-mara kien tal-għaġeb. Fih kellu xi ħaġa mis-satin u mill-bellus. Għajnejha kienu skuri u umdi, fommha kien qed jilma, ġilditha kienet qed tarmi lura d-dawl. Ġisimha kien proporzjonat b'mod perfett. Kellha l-linji inċiżivi ta' mara żnella mlaqqgħa ma' ċerta maturità provokanti.

L-irquqija ta' qaddha kienet tagħti 'l sidirha prominenza saħansitra akbar. Daharha kien bħal ta' żeffiena, u kull mossa kienet tirkaċċalha r-rikkezza ta' ġenbejha. Tbissmitlu. Fommha kien artab, mimli, nofsu miftuħ. George resaq lejha u poġġa ħalqu fuq spallejha għerja. Xejn ma seta' jkun iżjed artab mill-ġilda tagħha. X'leblieba kellu biex iżerżaq 'l isfel dik il-libsa fraġli minn spallejha ħalli jisporġi dak is-sider li kien qed jibbozza s-satin! Kemm kienet kbira t-tentazzjoni li jneżżagħha minnufih!

Iżda George ħass li din il-mara ma kinitx ta' min jittrattaha daqshekk bil-ħatfa, li magħha ħtiġulu s-sottilezza u ċerta ħila. Qatt qabel ma kien ikkalkula daqshekk bid-dimis kull mossa li jagħmel b'tant qies u galbu. Deher riżolut li minn dal-mument jagħmel assedju twil, u ġaladarba l-mara ma wrietu l-ebda ħjiel ta' għaġla, qagħad jitnikker ma' spallejha għerja u jxammem fir-riħa ħafifa u għaxxieqa li bdiet ħierġa minn ġisimha.

Seta' jaħkimha fid-daqqa u l-ħin, tant kien qawwi l-faxxinu li bdiet tixħet, iżda qabelxejn riedha tagħmel xi sinjali, ried jaraha mqanqla, mhux ratba u mitruħa bħal xi biċċa xama' taħt subgħajh.

Il-mara kellha kalma ma titwemminx, ubbidjenti iżda bierda. Fuq ġilditha mank tkexkixa waħda, u fommha, għad li kien imbexxaq għall-bews, ma kien jixhed l-ebda ħrara.

Kienu bilwieqfa biswit is-sodda, fis-skiet. George żerżaq idejh mal-kurvi tas-satin ta' ġisimha, qisu biex jibda jsir midħla tiegħu. Il-mara ma tħarrkitx. Niżel bil-mod il-mod għarkopptejh huwa u jbewwes u jmelles f'ġisimha. Subgħajh ħassew illi taħt il-libsa l-mara kienet għarwiena ħuta. Ħadha sa tarf is-sodda u poġġieha bilqiegħda. Neħħielha ż-żarbun, u żamm saqajha f'idejh.

Tbissmitlu, b'mod ħelu u webbieli. George bisilha saqajha, u jdejh ġrew mal-piegi tal-libsa twila, huma u jħossu l-imlusa ta' riġlejha sa koxxtejha.

Telqitlu riġlejha f'idejh u żammithom marsusa ma' sidru, waqt li jdejh qabdu telgħin u neżlin ma' riġlejha minn taħt il-libsa. Jekk ġilditha kienet tant mielsa f'riġlejha, mela min jaf kif kellha tkun qrib il-parti tagħha, hemmhekk, fejn is-soltu tkun l-iżjed mielsa? Koxxtejha kienu marsusin ma'xulxin, ma setax ikompli jiskopri aktar. Qam bilwieqfa u tbaxxa lejha ħalli jbusha u jmiddha. Hija u tintelaq fetħitlu kemm kemm riġlejha.

George ġerra jdejh tul ġisimha kollu, bħal donnu biex ikebbislu kull parti bil-mess, u qagħad imellisha u jmellisha minn spallejha sa saqajha, qabel ma ttanta jinfilsa id minnhom bejn riġlejha, li issa kienu iktar miftuħa, tant li għoddu seta' jilħqilha l-parti tagħha.

Bil-bews tiegħu xagħarha tħabblilha kollu, u l-libsa waqqgħetilha minn spallejha u nkixfulha daqsxejn biżlejha. Kompla jniżżilhielha b'ħalqu, biex kixef dawk il-biżlejn li kien stenna, xewwieqa, sodi, b'ġilda mill-ifjen, bil-ponot ħomor dagħmi bħal ta' mara żagħżugħa.

Il-passività tagħha għoddha qabbditu aptit iweġġagħha ħalli forsi jasal iqanqalha b'xi mod. It-tmellis kien qed iħarrem lilu, iżda mhux lilha. Ma' subgħajh, il-parti tagħha kienet tinħass friska u ratba, doċli iżda mingħajr ħrara.

George beda jmaħħaħ li l-misteru ta' din il-mara kien proprju n-nuqqas tagħha li titqanqal. Iżda ma setax ikun. Kien iwiegħed tant senswalità dak il-ġisem, b'dik il-ġilda hekk sensittiva u b'dak il-fomm daqstant mimli! Ma setax ikun li ma kienet tħoss xejn. Issa kien qed imellisha bla hedu, bħalkieku f'ħolma, qisu bla għaġla ta' xejn, jistenna l-fjamma tagħha titkebbes ġo fiha.

Madwarhom mirja biss, itennu l-immaġni tal-mara mitluqa fuq is-sodda, bil-libsa mniżżla taħt sidirha, b'saqajha l-ġmiel tagħhom għerja mdendlin mis-sodda, b'riġlejha kemm kemm miftuħa taħt il-libsa.

Ħtieġlu jċarrtilha l-libsa, kollha kemm hi, jintefa' fis-sodda magħha, iħoss ġisimha kollu ma' tiegħu. Qabad iġebbdilha l-libsa 'l isfel, u hi għenitu. Ġisimha xiref qisu dak ta' Venere tielgħa mill-baħar. Għollieha għalbiex imiddha kollha kemm hi fis-sodda, b'ħalqu l-ħin kollu jbewwes f'kull parti ta' ġisimha.

Imbagħad ġrat xi ħaġa stramba. Xħin tbaxxa biex jgħaxxaq għajnejh bil-ġmiel tal-parti tagħha, bil-qawwa ta' ħmuritu, il-mara triegħdet, u George għoddu beka bil-ferħ.

Lissnet minn taħt l-ilsien: "Neħħi ħwejġek."

Neża'. Għarwien, is-setgħa li kellu kien jagħrafha aħjar. Kien iħossu iżjed komdu għarwien milli mlibbes għax dari kien atleta, għawwiem, kien jimxi fit-tul u jitla' l-muntanji. Kien jaf li seta' jagħtiha pjaċir.

Ħarset lejh.

Tgħid għoġobha? Meta tbaxxa għal fuqha kienet iżjed lesta għalih jew le? Ma setax jgħid. Armajn tant sar jixtieqha li ma felaħx jistenna iżjed biex imissha bil-ponta tal-parti tiegħu. Iżda waqqfitu. Riedet tmisshulu u żżegħellu bih. U dan bdiet tagħmlu b'tant ħerqa li sab ruħu bil-warrani tagħha kollu ma' wiċċu, u seta' jitpaxxa jbusha u jħejjimha kemm xtaq.

Issa nħakem mill-kilba li jiskopri u jħasses kull irkejna ta' ġisimha. Feraq l-intrata tal-parti tagħha b'żewġt iswaba' u qagħad ipaxxi għajnejh b'ġilditha mleqqna, bit-tnixxija fina tal-għasel, bil-pil jitfelfel madwar subgħajh. Ħalqu sarlu aktar miklub, bħalkieku kien sar organu sesswali fih innifsu, talment kapaċi jgawdi 'l dil-mara li kemm-il darba kien se jibqa' jżiegħel f'laħamha bi lsienu, kellu mnejn jilħaq xi għoġba li bħalha żgur ma kienet iġġarrbet qatt. Huwa u jgiddem f'laħamha b'din it-taħsisa skwiżita, reġa' ħass fiha dik it-tregħida ta' pjaċir. Allura mexxieha 'l bogħod mill-parti tiegħu għax beża' li setgħet iġġarrab il-pjaċir kollu li setgħet bil-bews biss u li b'hekk tinsteraqlu s-sensazzjoni li jħossu ġo fiha. Donnu t-tnejn kienu saru miġwieħa daqs nagħma għat-togħma tal-laħam, u issa ħalqu u ħalqha ddewbu wieħed fl-ieħor, ifittxu l-ilsna leblieba.

Issa anke demmha kien tħaġġeġ. Deher li bil-lajma tiegħu wasal ikebbisha, fl-aħħar. Għajnejha bdew jisirġu jgħajtu, ħalqha ma setax jinqala' minn fuq ġismu. U fl-aħħar ir-raġel ħatafha, u l-mara offrietlu lilha nnifisha, hija u tiftaħ ix-xofftejn tal-parti tagħha b'dawk is-swaba' ħlejja, donnha ma tiflaħx tistenna iżjed. Iżda anke f'dal-waqt waħħruh il-pjaċir tagħhom, u qagħdet tħossu ġo fiha fis-skiet, imħaxkna miegħu.

Imbagħad il-mara ppuntat lejn il-mera u qalet, daħqana, "Ara ħi, haw' qisna m'aħna naħxu xej', jien qisni qiegħda poġġuta fuq irkopptejk biss, u int, ja brikkun l'int, int kont qed iddaħħalhuli l-ħin kollu, u qed titriegħed

ukoll! Daqshekk, ma niflaħx għaliha iżjed din, dil-farsa li m'hemm xejn ġo fija. Qed teqridni din. Iċċaqlaq issa, ċaqlaq!"

Intefgħet fuqu ħalli tkun tista' tiżżeffinlu mejt mal-pene ddrizzat, u minn diż-żifna erotika nisslet fiha għaxqa li ġegħlitha twerżaq. U fl-istess waqt berqa t'estasi leħħet tul ġisem George.

* * * * *

Minkejja l-intensità ta' din in-nejka, meta wasal biex jitlaq, il-mara la staqsietu x'jismu u lanqas biex jerġa' jżurha. Tatu bewsa ħafifa fuq xofftejh kważi muġugħa u bagħtitu 'l hemm. It-tifkiriet ta' dan il-lejl ossessjonawh tul xhur sħaħ, u din l-esperjenza ma seta' jerġa' jtenniha mal-ebda mara oħra.

Jum minnhom iltaqa' ma' ħabib li kien għadu kif tħallas flus tajba ta' xi artikli, u stiednu jixrob xi ħaġa miegħu. Irrakkonta 'l George l-istorja spettakolari ta' xena li kien ra. Kien qiegħed iberbaq flusu f'bar meta avviċinah raġel tassew partikulari u ssuġġerielu mod pjaċevoli kif jgħaddi siegħa żmien – jiġifieri li joqgħod josserva xena straordinarja ta' sess – u billi l-ħabib ta' George nzerta kien nemmies minn qaddisu, laqa' dil-proposta minnufih. Ittieħed ġo dar misterjuża, f'appartament lussuż, fejn moħbi f'kamra mudlama kien qagħad jara waħda ninfomanijaka tinħexa ma' raġel tabilħaqq imgħammar u felħan.

Qalb George għamlet tikk. "Iddeskrivha 'l din," qal.

Sieħbu ddeskriva dik il-mara li kien ħexa George, saħansitra sal-libsa tas-satin. Semma wkoll is-sodda bil-baldakkin, il-mirja, u l-bqija. Biex jara dal-ispettaklu sieħeb George kien ħallas mitt dollaru, iżda kien tassew vallapena għax dam għaddej sigħat twal.

Povru George. Għajnu għokritu min-nisa tul xhur sħaħ. Ma setax jgħoddhom b'minnhom dil-ħjiena u dar-reċtar kollu. Spiċċa ffissat bl-idea li kull mara li kienet tistiednu għandha kien ikollha spettatur mistoħbi wara l-purtiera.

*Traduzzjoni ta' Kevin Saliba*